Minuti tal-laqgħa numru tmienja (8) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (KLQ) li nzammet nhar it-Tlieta, 14 ta' Jannar 2025 fil-5:30pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 7, Triq il-Knijsa, il-Qrendi.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI | Is-Sur David Schembri | Sindku |
| | Is-Sur Karmenu Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv (DSE) |

08.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Presedenza u Apoloġiji

Id-DSE qal illi rċieva messaġġ illi peress li s-Sa Anthea Sacco, il-Viċi Sindku u s-Sa Nina Skye Briffa huma indisposti minħabba li ma jifilħux, talbu li jsegwu on line. Is-Sur David Schembri, is-Sindku qal illi skont id-direttivi l-ġodda dawn ma jistgħux ikunu meqjusa prezenti, madankollu la hu u lanqas dawk kollha prezenti ma kellhom oġġezzjoni sabiex jitħallew isegwu *on-line* kif fil-fatt sar.
Is-Sindku, is-Sur David Schembri ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba tal-bidu.

08.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-seduta numru sebgħa (7)** — Minuti

Ma kienx hemm emendi għall-minuti li kienu ċirkulati mal-agenda, kienu kkunsidrati u approvati unanimament. Dawn kienu proposti għall-vot mis-Sur Karmenu Farrugia u ssekondati mis-Sa Marion Parnis.

08.03 **SPI/SCI/1/2024** ***Korsijiet Lifelong Learning 2024-2025 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim tul il-Ħajja u Impjegabilita'*** — Tagħlim tul il-Ħajja

Se nesploraw il-possibilità li norganizzaw dawn il-korsijiet fis-Sala taċ-Ċentru Pastorali Qalb ta' Ġesù, fi Triq iz-Zurrieq peress li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi m'għandux post addattat. Intqal li fl-Iskola jkun hemm bzonn li jkun ingaġġat il-purtinar/a.

08.04 **Ġieħ il-Qrendi 2025** — Ġieħ il-Qrendi

Kellna nomina waħda. Din ġiet aċċettata mil-Kunsill b'vot unanimu wara li kien ikkunsidrat illi t-tali persuna hu wieħed validu. Is-Sindku, is-Sur David Schembri iddistakka ruħu peress li dan kien jiġi minnu.

Is-serata se ssir fiċ-Ċentru Qalb ta' Ġesù, Triq iz-Zurrieq, il-Qrendi dejjem bil-permess tal-Wisq Reverendu Kappillan.

Se jingħataw premjijiet ta' Onorefiċenza lil Marie Busuttil li kantat fil-Christmas Village għaliex din ixxandret tliet darbiet l-Awstralja fuq ZZZ Radio. Se jingħata premju ieħor ta' Onorefiċenza lil-Marvic Ann Azzopardi u lil Francesca Francesca.

Se jingħata premju lil Kimi Bugeja minħabba d-delizzju bl-isport tiegħu fil-*Go Carting* għaliex għamel isem barra minn xtutna.

Se jingħata premju ieħor lil Pearl Giusti Magro għall-isports tagħha fil-ġinnastika.

Kien propost illi waqt is-serata jsir l-*entertainment* minnhom stess.

Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi s-Sur Frans Sammut se jipprezentalna sitt *flame trees* u ppropona illi naghtuh rikonoxximent ukoll.

Kien deċiz illi wara din l-attività jsir riċeviment zgħir. Kien propost illi s-Soċjetajiet Muzikali jingħataw ħlas għal dan is-servizz ta' €500 kull wieħed.

Is-Sur Karmenu Farrugia ppropona illi għas-sena d-dieħla jkun hemm banda fit-toroq f'Jum il-Qrendi. Din tista' ssir jew billi ntellgħu bil-polza lis-soċjetà li tkun se tipparteċipa f'dik is-sena u imbgħad jalternaw minn sena għall-oħra, jew aħjar minn hekk tinħoloq banda waħda miz-zewg kazini.

08.05 **Pjan għall-ewwel tliet xhur attivitajiet mil-Kunsill Lokali Qrendi.** Kalendarju ta' attivitajiet

L-attivitajiet ippjanati huma dawn:

Dik tal-Karnival kemm-il darba nikkwalifikaw għall-fondi mill-iskema tad-Dipartiment Gvern Lokali li ssir fi Frar.

Se jsir Jum il-Qrendi u jingħata wkoll Ġieh il-Qrendi f'serata apposta (ara min 08.04)

Irridu nibdew inħejju wkoll minn issa għall-Festival tal-Patata li jsir imbgħad fl-aħħar ġimgħa ta' Mejju. Dan se jitpoġġa fuq l-agenda tal-laqgħa li jmiss.

08.06 **Ċedola tal-pagamenti SCH01 9/12/24 - 14/1/25 u Petty Cash AB/12** Ċedola tal-Pagamenti
Iċ-ċedoli tal-pagamenti kif ukoll dik tal-*Petty Cash* kienu approvati unanimament.

08.07 **PA 3299/24, Triq il-Kurat Mizzi, Triq il-Konvoj 1942, il-Qrendi** PA 3299/24
Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi uffiċjalment oġġezzjoni għal dan l-izvilupp propost il-bieraħ, li kienet l-aħħar ġurnata fejn l-Awtorità tal-Ippjanar kienet qed tilqa' l-oġġezzjonijiet dwar dan il-permess,

Dwar l-intimidazzjonijiet li kien hemm fuq il-Kunsill Lokali tal-Qrendi, fuq is-sit elettroniku minn persuni li xtaqu wkoll jagħmlu oġġezzjoni dwar dan l-izvilupp, diġa' kellimna lill-Avukat tal-Kunsill wara li kienu konstatati (ġew stampati) b'dokumentazzjoni dawn insinwazzjonijiet. Dwar il-proposta stqarrija li tkellem fuqha is-Sur Karmenu Farrugia, se nkunu qed naraw mal-Avukat kif din tista' ssir.

08.08 **Skema tal-Mobbilità SPI/SCI/3/2020 – Approvazzjoni tal-lift tal-passiġġieri Grant ta' €17,340 u l-finanzjament tal-ispiza tal-Kunsill ta' 15%** Lift
Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi qiegħed jikkonferma li se jkun qiegħed jiffinanzja il-kumplament tal-ispiza tal-lift tal-passiġġieri li għandu jkun imwaħħal fiċ-Ċentru Ċiviku, li fih se jkun qed jopera minnu il-Kunsill Lokali tal-Qrendi oltre l-grant tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali ta' €17,340. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Il-kuntratt se jingħata skont kif rakkomandat mil-bord ta' evalwaturi.

08.09 **It-Tieni draft tal-Budget 2025** Budget 2025

Dan kien ikkunsidrat izda mhux approvat f'din is-seduta. Se jerġa' jkun diskuss fis-seduta ta' Frar.

08.10 **Intervisti għal skrivan/a.** Post Vakant

Intalbet lista oħra mill-*Jobsplus* peress li l-uniku kandidat intervistat mill-ewwel lista, ma ġabx il-punti neċessarji biex jidħol jaħdem magħna.

08.11 **Skema Reġjun Punent – Pubblikazzjoni ta' Ktejjeb** Skema Reġjun Punent

Is-Sindku, is-Sur David Schembri tkellem fuq din l-iskema tar-Reġjun Punent u ppropona li ssir pubblikazzjoni ta' ktejjeb fuq Il-Kappella tal-Ħniena. Hu qal li hemm bzonn li jkun hemm ktieb aktar riċerkat xjentifikament u dan għandu jinkiteb minn riċerkatur tal-Kurja bil-lingwa Ingliza. Din il-proposta kienet ipproponuta mis-Sur Karmenu Farrugia u ssekondata mis-Sa Marion Parnis u approvata unanimament.

08.12 **Servizz tal-Knis** Knis tat-toroq

Dwar is-servizz ta' knis is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi ffirmajna *agreement* mad-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni u se jibda jkollna zewġ kenniesa jikinsu skont l-iskeda u meta jkun hemm il-festi dawn se jkunu qed jikinsu mingħajr ħlasijiet addizzjonali. Intant, lil kuntrattur prezenti se nkunu qed nagħmlu uzu mis-servizz tiegħu sal-aħħar ta' Jannar 2025 u se jkun infurmat uffiċjalment.

08.13 **Qtugħ tal-ħaxix (Tender)** Tindif fiz-zona rurali

Is-Sindku, is-Sur David Schembri tkellem dwar il-qtugħ tal-ħaxix ħazin fiz-zona rurali. Kien hemm qbil li niddiskutu wkoll mad-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni biex jibdew jagħmlu dawn ix-xogħlijiet huma wkoll, għaliex il-kuntrattur prezenti mhux qed jagħmel xogħlu tajjeb.

08.14 **Punti oħra**

08.14.01 Is-Sindku, is-Sur David Schembri stieden lill-kunsillieri illi kien għadu kemm ġie nfrumat illi għada hemm *Press Call* f'Wied iz-Zurrieq fid-9.30am mill-Onor Miriam Dalli Ministru tal-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir fejn hu antiċipat li jitħawwlu xi siġar mit-tfal tal-Iskola Primarja tal-Qrendi. Press Call

08.14.02 Is-Sindku, is-Sur David Schembri informa lill-kunsillieri illi hu iltaqa' ma Infrastructure Malta dwar it-tkomplija ta' Triq Gregorio Mifsud, speċifikament dwar il-parti li mhux zviluppata u anke l-parti li hemm bzonn jingħata fiha t-tarmac u wkoll fuq id-dwal tat-triq li hemm il-possibiltà li jsiru wkoll fejn m'hemmx il-bini. Hu qal li hemm problema bil-bankini, cioe' bil-livelli tagħhom li inħolqot mil-bini stess. Triq Gregorio Mifsud

08.14.03 Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem dwar il-kisi mil-ġdid tat-triq fuq ix-xogħlijiet tad-drenaġġ li saru dan l-aħħar mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma bil-kuntrattur tagħha. Hu qal li dan kien wieħed inferjuri u mhux ta' livell aċċettabbli. Is-Sindku, is-Sur David Schembri infurmah illi l-KLQ diġa' kiteb dwar dan il-materjal ħazin li ntuza fi Triq Monsinjur Ġuzeppi de Piro. Hu kompla jgħid illi fil-laqgħa li kellu ma Infrastructure Malta, hu talab li jinkludu ukoll din il-parti li tmiss ma' Triq Gregorio Mifsud. Reinstatement ħazin fi Triq Mons Guzeppi de Piro

08.14.04 Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem dwar talba biex fi Triq Francesco Buhagiar isiru zewġ parking bays tal-muturi. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li dawn aktar kienu hemmhekk u tħassru minħabba nuqqas ta' manutenzjoni fiz-zebgħa tat-toroq. Għaldaqstant se naraw li jerġgħu isiru.

Parking bays tal-Muturi

08.14.05 Is-Sur Karmenu Farrugia staqsa dwar ir-restawr tal-faċċata tal-Ġnien tal-Kmand. Is-Sindku, is-Sur David Schembri wieġeb illi l-applikazzjoni tar-restawr mal-Awtorità tal-Ippjanar għadha qed tiġi proċessata.

Restawr tal-Faċċata tal-Ġnien tal-Kmand

08.14.06 Is-Sa Marion Parnis tkellmet dwar id-diffikultajiet tal-parkeġġ bejn Triq is-Salvatur u l-Isqaq Numru 2, Triq is-Salvatur. Is-Sur David Schembri qal illi hawn joqgħodu biss erba' parkeġġi u jekk ikun hemm aktar ipparkjati, dawn ikunu illegali.

Parkeġġi Triq il-Kbira

08.14.07 Is-Sa Marion Parnis esplorat il-possibilità li ssir mera fi Triq il-Kbira faċċata ta' Triq il-Ħniena. Is-Sindku, is-Sur David Schembri wieġeb illi hawn ma toqgħodx mera għax it-triq hi dejqa ħafna u jkissruha l-vetturi tqal li xorta jgħaddu minn hawn.

Mera fi Triq il-Kbira

08.14.08 Is-Sur Karmenu Farrugia talab li niddiskutu dwar il-ħlasijiet lill-kazini dwar l-attivitajiet li kienu nvoluti fihom. Kien deċiż unanimament illi għall-attività Rjieħ fil-Qolla dawn jingħataw €600 kull wieħed u għad-dekorazzjonijiet tat-toroq tal-Milied, jingħataw €2,000 kull wieħed.

Ħlasijiet tas-Servizzi lill-Kazini

08.14.09 Is-Sa Marion Parnis esebiet ritratt minn fuq it-telefon ċellulari tagħha fejn hemm toqba fuq il-bankina fi Triq Gregorio Mifsud. Din se tiġi mimlija biex ma jweġġa' ħadd.

Manutenzjoni ta' Bankina

08.14.10 Is-Sur David Schembri, is-Sindku tkellem fuq il-possibilità li jinbidlu l-lampi tat-toroq fil-UCA għal LEDs, preċizament fi Triq is-Salvatur Sqaq numru 1 u Sqaq Numru 2 kif ukoll fl-Isqaq ta' Triq il-Parroċċa, il-Qrendi.

Lampi LEDs

08.14.11 Is-Sa Nina Skye Briffa infurmat lill-kunsillieri illi nhar il-Ħamis, 16 ta' Jannar se ssir laqgħa tal-Kunsill Lokali tat-Tfal fl-4.30pm fiċ-Ċentru Pastorali, Qalb ta' Ġesù, Triq iz-Zurrieq, il-Qrendi.

Kunsill Lokali tat-Tfal

08.15 **Appuntament għal-laqgħa li jmiss**

Aġġornament

Din il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u l-laqgħa li jmiss se ssir nhar id-19 ta' Frar 2025 fil-5:30pm.

Meħuda minn Anthony Bonello u approvati llum 19.2.25 minn David Michael Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku